

31999D0078

L 31/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.2.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Ġunju 1998
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika
 (1999/78/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113, f'għaqda ma' l-ewwel sentenza u (3) l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 228(2), u l-Artikolu 228(4), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim dwar il-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, iffirmat f'Londra fit-18 ta' Mejju 1998, ġie nnegożjat u għandu jiġi approvat;

Billi ċerti impenji għall-implimentazzjoni ġew attribwiti lill-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim, u b'mod partikolari l-poter li jiġu emendati ċerti aspetti ta' l-Annessi Settorjali tiegħu;

Billi għandhom jiġu stabbiliti l-proċeduri interni approprijati sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Ftehim, u billi huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tagħmel ċerti emendi tekniċi lill-Ftehim u li tiegħu ċerti deċiżjonijiet sabiex jiġi implimentat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa hawnhekk approvat, fisem il-Komunità, il-Ftehim dwar il-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, inklużi l-Annessi ta' miegħu.

It-test tal-Ftehim u ta' l-Annessi huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem il-Komunità, jittrasmetti l-ittra pprovvduta bl-Artikolu 21(1) tal-Ftehim ⁽¹⁾.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt ipprovvdut fl-Artikolu 14 tal-Ftehim, u l-Kumitati Konġunti Settorjali stabbiliti bl-Annessi Settorjali, assistita mill-kumitat speċjali nnominat mill-Kunsill. Wara konsultazzjoni m' dan il-kumitat speċjali, il-Kummissjoni għandha tippreċedi biex taħtar, tinnotifika, tiskambja t-tagħrif u titlob il-verifiki riferiti fl-Artikoli 10(b), 121 m 13 u 14(2) tal-Ftehim u d-dispożizzjonijiet ekwivalenti ta' l-Annessi Settorjali tiegħu.

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim trid tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Il-pożizzjoni tal-Komunità rigward id-deċiżjonijiet li jridu jit-tieħdu mill-Kumitat Konġunt jew jekk approprijati fil-Kumitati Konġunti Settorjali għandhom jiġu stabbiliti, rigward l-emendi għall-Annessi Settorjali (l-Artikolu 14(4)(b), u l-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Ftehim u d-dispożizzjonijiet ekwivalenti fl-Annessi Settorjali triegħu) u l-verifika tal-konformità skond l-Artikolu 7(d) tal-Ftehim, mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali riferit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat Konġunt jew fil-Kumitati Konġunti Settorjali għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill, huwa u jaġixxi bil-maġġoranza kkwalifikata u

fuq proposta mill-Kummissjoni. L-istess proċedura għandha tapplika għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Komunità fil-kwadru ta' l-Artikoli 16 u 21 ta' dan il-Ftehim.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-22 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BATTLE